MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 72/2003

Angelo Debono

vs

Raymond Galea

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li tghid:

Illi huwa ghandu fil-pussess tieghu parti mir-raba maghruf bhala "Ta' Kusbejja" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' circa hames (5) sighan pari ghal disa' mija u hamsa u tletin metri kwadri (935m.k);

Illi dan ir-raba ilu mqabbel ghand l-attur sa mis-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (1961).

Illi f'xi gurnata bejn it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u s-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) il-konvenut dahal fir-raba' hawn fuq indikat u harat l-istess raba' u ha l-pussess tieghu.

Illi dan l-agir huwa ammess mill-konvenut stess fl-ittra ufficjali tieghu tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003);

Illi dan l-agir huwa wiehed illegali u jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex jisporga dan l-ispoll baqa' inadempjenti;

Talab ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn dina l-Qorti huwa jirripristina li kien hemm qabel dan l-ispoll u dana billi jerga' ipoggi r-raba meritu ta' din il-kawza fl-istess stat li kien qabel biex b'hekk jispurga l-ispoll minnu kommess;

3. tawtorizza lill-attur sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenut huwa jaghmel l-istess xoghlijiet u dana a spejjez tal-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l'ittra ufficjali spedita lill-konvenut fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju 2003; il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. illi d-domandi attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex bhala fatt mhux minnu illi l-attur qatt kellu l-pussess tar-raba meritu ta' din il-kawza u l-eccipjenti ilu fil-pussess tal-istess raba sa mis-26 ta' Ottubru 2002 meta huwa – tramite l-komproprjetarji l-ohra ta' din ir-raba – wasal fi ftehim ma' l-inkwilini tal-istess raba sabiex dawn jirrilaxxjawhielu kif fil-fatt ghamlu. Ghalhekk jonqsu t-tliet elementi mil-ligi sabiex tkun tista' tigi istitwita b'success kawza ta' spoll u cjoe' l-elementi ta' pussess, spoll u azzjoni fi zmien xahrejn (*possedisse, spoliatum fuisse u infra bimestre deduxisse*) kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. illi ghaldaqstant t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu;

3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Semghet u ezaminat il-provi kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Ir-rekwiziti essenzjali sabiex l-attur jirnexxi f'kawza ta' spoll huma ben definiti fil-gurisprudenza ta' dawn il-qrati. Jirrikjedu lill-attur li jipprova l-fatt tal-pussess, il-fatt ta' l-ispoll u li l-kawza ghamilha mhux oltre x-xahrejn li jkun jaf bl-ispoll. Huma rekwiziti li l-attur hu tenut jipprova f'daqqa, jigifieri hemm bzonn tal-konkors rigoruz tal-estremi rikjesti

fil-ligi kif fuq kollox jipprovdi l-artikolu 535(1) tal-Kodici Civili li jghid illi "jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezza mill-pussess ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli, jew immobbli, hija tista' fi zmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terga' tigi mqeghda f'dak il-pussess jew dik id-detenzjoni…". Il-konvenut oppona l-kawza billi sostna li dawn t-tliet elementi huma mankanti.

Illi din il-Qorti hi sodisfatta li jinsabu sostanzjati l-ewwel u l-ahhar element, ossija dak tal-fatt ta' l-ispoll u dak tal-fatt li l-kawza giet prezentata fiz-zmien stipulat tax-xahrejn mill-ispoll. Difatti, fir-rigward l-ewwel, miz-zewg rekwiziti ta' hawn fuq, hemm bizzejjed provi li jinducu lill-Qorti li taghti kredenza ghall-fatt li l-konvenut f'xi zmien recenti hafna, s-17 ta' Lulju tas-sena 2003. Wara li l-attur kien iddeposita xi demel fil-bicca ghalqa meritu dina l-kawza, il-konvenut harat l-istess ghalqa kif kien gja precedentement ghamel xi gimghat qabel, precizament fl-ahhar gimgha ta' Mejju. Dan l-ahhar fatt imbaghad, li ntravist mill-ottika tal-"*infra bimestre*", m'ghandux jikkostitwixxi impediment ghal din l-azzjoni ta' spoll stante li huma zewg kazijiet distinti ta' spoll u fejn kwindi t-termini jibdew indipendentement wiehed mill-iehor skond il-kompiment ta' kull wiehed minnhom *(Vol.XIII. ii. 1939).*

Minn hawn 'il quddiem ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-element li jonqos, cjoe', l-fatt tal-pussess. Huwa hawn pacifiku li "kwalukwe pussess huwa meritevoli ta' protezzjoni u l-estensjoni ta' dina l-protezzjoni huwa tali li anki l-pussess li jitnissel minn kawza ingusta huwa difiz mil-ligi kontra l-ispoll vjolent u klandestin. Del resto dina l-protezzjoni ta' dana l-pussess mhux radikata fuq id-dritt ta' proprjeta' izda fuq il-fatt tal-pussess, li, ghalkemm oggettivament mhux konsidrat bhala dritt, eppure ghall-importanza specjali tieghu, huwa bhala tali rikonoxxut u specjalment protett. Kwindi anke l-pussess prekarju, jekk ikollu l-karatteru esterjuri ta' pretiz dritt, huwa soggett ghall-protezzjoni … *(Giuseppe Cassar et vs Paolo Cassar et P.A 16.10.1954).* Ergo, basta li l-pussess ikun wiehed

materjali u ‘di fatto’, tiskatta l-protezzjoni tal-ligi u tigi applikabbli l-massima “*spoliatus ante omnia restituendus*”.

Illi f’din il-kawza nhela hafna hin f’xhieda rrilevanti meta dak li kien mehtieg jigi stabbilit kien biss l-veracita’ tal-pussess reklamat reciprokament mill-kontendenti. Kien immaterjali u irrilevanti l-fatt li l-konvenut akkwista l-proprjeta’ tar-raba in forza ta’ cessjoni ta’ l-inkwilinat mill-inkwilini uxxenti. Hemm bizzejjed provi li juru li l-attur fil-waqt li sehh l-ispoll kien id-detentur attwali tar-raba. Ipprotesta mal-konvenut meta sab li l-ghalqa kienet giet imharta u sussegwentement, wara li kien ghamel xi atti ta’ pussess, u kien rega’  sab li kien rega’ gie molestat fil-pussess, ipproceda biex jintavola dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant u billi fil-fehma tal-Qorti l-ispoll jirrizulta, tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza, billi takkolji t-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------